**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Frar 2002

Avviz numru 23/97

Ray Agius u martu Dolores mart l-istess Ray Agius

-vs-

Renzo Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-avviz ipprezentat fl-4 ta' Marzu 1997 fejn l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti minnhom konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru ta' l-elf disa' mija u sitta u disghin (1996) fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Victoria, Ghawdex bejn vettura T-0072 misjuqa mill-attur u proprjeta' ta' l-atturi u vettura L-6238 misjuqa mill-konvenut Renzo Farrugia ta' liema incident il-konvenut Farrugia Renzo kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar 1997 u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-incident sad-data tal-hlas effettiv.

Qieghed jigi dikjarat li ghall-fini tal-kompetenza d-danni reklamati mill-atturi ma jaccedux il-hames mitt lira Maltija (Lm500).

Il-konvenuti huma imharka ghas-subizzjoni li ghaliha qeghdin jigu minn issa ingunti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi l-incident mertu ta' din il-kawza gara unikament htija ta' l-attur minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur fis-sewqan tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ezaminat il-provi u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-mertu tal-kawza jitratta incident awtomobilistiku li gara fil-31 ta' Ottubru 1996 involuti l-vetturi T-0072 u L-6238 misjuqa rispettivament mill-attur u l-konvenut. L-incident de quo gara fl-inkrocju ta' Triq l-Arcisqof Pietru Pace ma' Triq Borg Olivier gewwa Victoria, Ghawdex. L-attur bil-prezenti avviz qieghed jitlob hlas ta' danni ghall-hsara kkagunata fil-vettura tieghu konsegwenza ta' l-incident in kwistjoni li hu jattribwixxi unikament tort tal-konvenut. Min-naha tal-konvenut hu jichad li kellu xi tort ghall-kollizzjoni li jattribwixxi interament fuq l-attur minhabba negligenza, imperizja u non kuranza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha ta' l-istess attur.

Li a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tippuntwalizza li ser tiddeciedi llum stess avviz fl-ismijiet inversi li jittratta l-istess kollizjoni fejn l-prezenti konvenut qieghed min-naha tieghu jirreklama li r-responsabbilita' tigi minn dina l-Qorti addossata fuq il-prezenti attur u konsegwentement jigi kkundannat ghall-hlas tad-danni. Li ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex fl-ewwel lok u permezz ta' din is-sentenza tiddeciedi fuq r-responsabbilta u okkorrendo tillikwida d-danni fis-sentenza opportuna skond id-dikjarazzjoni ta' min mill-partijiet huwa responsabbli.

Ikkunsidrat:

Li x-xhieda fiz-zewg istanzi tikkonsisti fil-verzjonijiet tal-kontendenti u x-xhieda ta' PS Teddy Bajada li hi limitata ghall-esebizzjoni ta' l-okkorrenza u l-iskizz redatti minnu.

Fir-rigward l-iskizz il-partijiet jaqblu li l-konfigurazzjoni taz-zewg toroq fil-punt li jinkrocjaw mhijiex indikata korrettement u l-posizzjoni reali hi dik kif murija folio 16, Dok A.

Altrimenti ma jidhirx li hemm xi divergenzi sostanzjali dwar id-dinamika ta' kif gara l-incident. Huwa fatt li l-attur kien qieghed jittransita Triq Borg Olivier u l-konvenut Triq l-Arcisqof Pietru Pace. Spjega l-attur li kif wasal fl-inkrocju ta' bejn l-imsemmija zewg toroq, waqaf u hares fuq in-naha tal-lemin tieghu. Hawnhekk lemah zewg karozzi wara xulxin nezlin 'il isfel mid-direzzjoni ta' l-Isptar bl-indicators jindikaw li kienu ser jidhlu fi Triq Borg Olivier. Minn hawn l-attur kompla hekk "imbaghad harist lejn in-naha tax-xellug tieghi biex nara jekk kienx hemm xi hadd tiela' lejn id-direzzjoni ta' l-Isptar. Billi ma rajt lil hadd, tajt daqqa' t'ghajn ohra biex nara hux tassew il-karozzi li ghadni kif semmejt kienux tabilhaqq sejrin jidhlu fi Triq

Borg Olivier, u kif rajt lil ta' quddiem tabilhaqq tikser ghal-istess triq, jiena qlajt 'l barra fil-pront ghal go triq l-Arcisqof Pietru Pace" da parti tieghu l-konvenut ikkonferma li hu kien qed isuq wara zewg karozzi u l-velocita' kienet bil-hamsin kilometru fis-siegha. Ikkonferma ukoll li l-vettura li kienet quddiemu ghamlet sinjal li kienet ser tidhol fi Triq Borg Olivier u kompla li "Kif wasalt eqreb ma' Triq Borg Olivier innotajt vettura Austin 1100 wieqfa fuq l-istop sign f'tarf din it-triq. Rajt ix-xufier ihares fuq ix-xellug tieghu u fil-pront minghajr ebda indikazzjoni jew pre-avviz din qalghet ghal go nofs it-triq".

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-brani rispettivi tas-sewwieqa fuq riportati din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li r-responsabbilita ghall-incident ghandha tigi adossata interament fuq l-attur hi l-fehma tal-Qorti li fic-cirkostanzi kien l-attur li minhabba gudizzju zbaljat interferixxa mad-dritta spettanti lis-sewwieqa li kienu qed jittransitaw Triq l-Arcisqof Pietru Pace. Huwa indikattiv f'dan il-kuntest li l-attur kien ben konxju tal-vetturi jsuqu fuq din it-triq u allura f'posizzjoni li mhux biss jinnota l-manuvra li kienet intiza issir mill-vettura ta' quddiem izda ukoll li jikkalkola l-velocita' li biha kienu qeghdin jinsaqu dawn il-vetturi. Fic-cert ma kienx gustifikat l-attur li wara li kien accerta ruhu li l-vettura ta' quddiem dahlet jew kienet ser tidhol fi Triq Borg Olivier jaqbad u jsuq, di piu minn fuq stop sign. Ghalhekk minhabba din il-manuvra spropozitata tieghu ghandu jassumi interament r-responsabbilta ghall-kollizzjoni. Konsegwentement il-Qorti fil-waqt li qeghdha tiddikjara lill-attur unikament responsabbli ghall-kollizzjoni tal-31 ta' Ottubru 1996 u cioe' dik mertu din il-kawza (li hi l-istess tal-kawza avviz numru 23/1997) qeghdha tirrespingi t-talbiet tieghu u tilqa' invece l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

L-ispejjez tal-kawza huma decizi kontra l-attur.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur